MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 307/2006

Il-Pulizija
(Spt. Jesmond Borg)

Vs
Joseph Schembri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

1. fil-21 ta’ Settembru 2003, ghal habta ta’ l-4.00 ta’ filghodu, kkawza hsara volontarja fil-proprjeta’ “St Rita Service Station” ghall-valur ta’ Lm53.60 ghad-dannu ta’ Philip u Jane Gatt minn Hal Tarxien – dan bi ksur ta’ l-art. 325 tal-Kap 9;
2. fl-istess lok, data u hin, ikkawza hsara fuq il-vettura tal-ghamla Renault, mudell Clio, ta’ lewn griz u li ghandha n-numru ta’ registrazzjoni RAS-007 ghall-valur ta’ Lm561.20 ghad-dannu ta’ Jane Gatt minn Hal-Tarxien – dan bi ksur ta’ l-art. 325(a) tal-Kap 9;

3. talli fl-istess data, hin u lok ikkaguna griehi ta' natura hafifa kif iccertifikat minn Dr Chris Spiteri M.D tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid fuq martu Rita Schembri – dana bi ksur tal-art. 221(1) tal-Kap 9;
4. talli fl-istess cirkustanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dana bi ksur ta' l-art. 338(dd) tal-Kap 9;
5. fl-istess cirkustanzi, qal kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur ta' l-art 338(bb) tal-Kap 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Settembru, 2006, li biha, qatghet u ddecidiet billi lliberat lill-appellat.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-3 t'Otturbu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata, u minflok, wara li jigu apprezzati mill-gdid il-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f'dawn l-akkuzi, u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali hu is-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti erronjament illiberat lill-appellat mill-imputazzjoniiet ta' hsara volontarja w ta' offizi volontarji fuq il-persuna ta' Rita Schembri minhabba li l-azzjoni kriminali ma kienetx prosegwibbli fin-nuqqas ta' kwerela. L-art. 537 tal-Kodici Kriminali in materia ta' kwerela jghid li d-denunzja tista' ssir bil-fomm jew bil-miktub. F' dal kaz prova ta' denunzja bil-fomm tirrizulta abbondantement mill-process u senjatament mix-xiehda tal-Ispettur Jesmond Borg a fol. 9 u mix-xiehda ta' Rita Schembri a fol. 72.

Anki kieku ghal grazzja tal-argument ma kienx hemm tali prova, d-dispozizzjonijiet tal-ligi jirregolaw b' mod car u determinanti il-kwistjoni procedurali tal-kwerela meta l-azzjoni kriminali ma tistax tipprosegwi hlief bi kwerela tal-

parti leza jew ta’ persuna ohra li tkun taht it-tutela jew il-hsieb taghha (art. 542 tal-Kodici Kriminali). In linea generali, skond l-artikolu 373 tal-Kapitolu 9, meta l-Pulizija Esekuttiva tipprocedi *“ex officio”*, meta l-parti offiza ma tkunx mexxiet l-azzjoni kriminali u ma tkunx irrinunzjat espressament ghaliha fi zmien erbat ijiem, in-nuqqas ta’ konferma ta’ kwerela (jew anki bir-recess tal-parti offiza) ma tinnewtralizzax l-azzjoni. Jekk l-azzjoni tkun giet inizzjata indipendentement mill-kwerela tal-offiz, hija tibqa’ sal-ahhar indipendenti minn dik il-kwerela u ghandha titkompla sakemm tigi moghtija s-sentenza, trid jew ma tridx il-parti offiza.

Illi hu car li meta r-reat li jirrizulta mill-provi (u ghalhekk mhux ir-reat li persuna tkun originarjament giet bih akkuzata jew imputata, izda reat kompriz u involut f’ dak ir-reat originali) ikun jirrikjedi l-kwerela tal-parti, il-Qorti xorta wahda tista’ tghaddi ghas-sentenza anki fl-assenza tal-kwerela jew prova taghha, kemm il-darba il-parti offiza ma tidhirx biex tirrinunzja ghall-azzjoni. Dan japplika meta r-reat originali ikun ta’ kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif ukoll jekk kien ta’ kompetenza tal-Qorti Kriminali. L-effett tal-art. 390(3)(4)(5) tal-Kodici Kriminali [in–necessita’ tal-kwerela fil-kompilazzjoni] hu bazikament li fil-kumpilazzjoni u allura meta si tratta ta’ reat ta’ kompetenza tal-Qorti Kriminali, jekk ir-reat in kwistjoni jkun jehtieg il-kwerela sabiex l-azzjoni titmexxa, din il-kwerela hija prezunta li saret kif ukoll jekk tkun verament saret il-kwerela, din, galadarba saret, tista’ tigi rtirata biss fl-ipotesi imsemmija fl-artikolu 545 (1) tal-Kodici Kriminali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-16 ta’ Novembru, 2006, li bih il-Prosekuzzjoni, l-parte civile w l-appellat qablu li ghalkemm il-kawza bdiet b’ kumpilazzjoni fis-26 ta’ Settembru, 2003, kien inghata l-kunsens biex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja kif jidher mill-fol. 20 tal-process.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-appellat kien gie imressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-23 ta' Settembru, 2003, u akkuzat b' zewg reati ta' hsarat volontarji, reat ta' offiza volontarja ta' natura hafifa fuq martu, ksur tal-buon ordni w kliem oxxen, indecenti u dagha fil-pubbliku. Fl-interrogatorju tieghu (fol. 15) l-appellat kien wiegeb li mhux hati, pero' kien iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja. Fl-ewwel seduta tal-kumpilazzjoni, l-Prosekuzzjoni kienet esebiet il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (Fols. 19 u 20). Meta xehed fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2003, l-Ispettur Jesmond Borg kien *"inter alia"* esebixxa dokumenti konsistenti fi stimi w certifikat mediku li kienet haditlu Rita Schembri. (Fol. 24) (Doks. JB1 u JB4 rispettivament.). Dok.JB1 hu stima tal-hsarat fil-car Renault Clio numru RAS007 maghmula mill-istimatur Joseph Mifsud, fl-ammont totali ta' LM561.20c u fejn il-*"customer*" hu indikat bhala "Mrs. J. Gatt." u stima ta' LM53.60 ghal tiswijiet ta' xi bieb tal-hgieg - prezumibbilment l-istess bieb tas-service station li jidher f' diversi ritratti (Dok. JB3).

PC 182 Joseph John Grech (fols. 35 sa 37) xehed fid-dettall dwar id-denunzja li ghamliltlu l-allegata vittma Rita Schembri, dwar x' kien gara qabel waslet il-Pulizija fuq il-post u mill-okkorrenza minnu esebita (a fols, 38 et seq.) jidher li Rita Schembri kienet il-persuna li ghamlet id-denunzja *"Person Filing Report".* Minn din l-okkorrenza ukoll jidher li Rita Schembri kienet qed tigi konsidrata bhala *"complainant"* (fol. 40 in calce) u li giet mitluba mill-Pulizija li , bhala tali, ggib stima tal-hsarat fil-vettura taghha w fil-bieb ta' barra, apparti c-certifikat mediku li kienet gja hadet lill-Pulizija.

Meta xehdet Jane Gatt (fols. 61 et seq) ikkonfermat li l-karozza Renault Clio kienet tappartjeni lilha ghalkemm din hi ftit kienet tuzha w kienet tuzha bintha Rita Schembri. L-

incident ma kienetx prezenti ghalih pero' taf li l-car garrbet hsarat li hi iddeskriviet. Sussegwentement kienet hadet il-car ghand KINDS biex jaghmlulha stima tal-hsarat. Rat din l-istima esebita a fol. 27 u kkonfermatha. Gharfet ukoll il-vettura w l-hsarat fuqha li jidhru fir-ritratti esebiti.

Illi din Jane Gatt ma rrinunzjatx ghall xi azzjoni kriminali imma addirittura, b' rikors ipprezentat minnha u minn zewgha fis-26 t' Ottubru, 2004 (fol. 65) talbu li l-Ewwel Qorti ddahhalhom fil-proceduri bhala parti offiza ai termini ta' dak li jiddisponi l-art. 410(5) tal-Kap.9 . Mill-verbal a fol. 66 jidher li fit-8 ta' Novembru, 2004, l-Ewwel Qorti hadet konjizzjoni ta' dan ir-rikors pero', fil-waqt li dak in-nhar ammettiet lil Rita Schembri bhala parte civile, rrizervat li tipprovdi minhabba l-assenza ta l-imputat (Sic?). Jidher pero' li ghalkemm dar-rikors ma giex dekretat, l-Ewwel Qorti xorta semghet u laqghet talbiet maghmula mill-Avukat tal-parte civile konjugi Gatt (fol.71, 79, 100, u diversi verbali ohra). Inoltre Dr. Robert Abela anki thalla jittratta ghall-parte civile quddiem l-Ewwel Qorti (Fol. 106) kif ukoll jipprezenta nota ghan-nom ta' Philip u Jane Gatt (fols. 107 u 108). Meta xehdet Rita Schembri (fols. 72 sa 77) ma rrinunzjat ghall-ebda azzjoni kriminali anzi xehdet b' mod li kien intiz li jigi nkriminat l-appellat.

Illi minn din ir-rikapitulazzjoni tal-fatti li grawquddiem l-Ewwel Qorti johrog car li l-partijiet allegatament lezi huma Rita Schembri, mart l-appellat li skond it-tielet imputazzjoni allegatament sofriet feriti ta' natura hafifa, kif anki jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Christopher Spiteri (fol. 21) u missierha w ommha Philip u Jane Gatt, li allegatament sofrew hsarat fil-proprjeta' taghhom, imsemmijin fl-ewwel u fit-tieni imputazzjonijiet.

Illi l-offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' mart l-appellat, dedotta kontra l-appellat fit-tielet imputazzjoni, jekk tirrizulta pruvata, hija regolata mid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 221(1) u (4) u 222(1)(a). L-offiza ta' natura hafifa hija punibbli bil-piena ta' prigunerija ghal zmien ta'mhux izjed minn tlitt xhur. Pero', jekk tigi kommessa fuq il-persuna tal-konjugi - kif qed jigi allegat f' dan il-kaz - il-piena tizdied bi grad u cioe' ghall-piena massima ta'

prigunerija ghal zmien sitt xhur (Art. 31, Kap.9). Illi fiz-zmien tal-allegat reat kien ghadha ma dahlitx in vigore l-emenda introdotta bl-Att XX tas-sena 2005 ghall-art. 221 (4) li biha, ghalkemm ir-regola generali hi li ma jistghu jittiehdu ebda procedimenti hlief bil-kwerela tal-parti offiza, dan mhux mehtieg fil-kazijiet fejn “inter alia” l-offiza issir fuq il-persuna tar-ragel jew tal-mara. Dan ghaliex fiz-zmien tal-kommissjoni tal-allegati reati l-eccezzjoni kienet tirriferi biss ghall-kazijiet ta’ offizi fuq il-persuni imsemmija fl-artikolu 222 (1) (b) u mhux ukoll ghal dawk imsemmija fil-paragrafu (a) kif inhi illum.

Ghalhekk, f’dan il-kaz il-kwerela kienet ghadha necessarja skond l-artikolu 221(4), fiz-zmien tal-allegat reat u meta l-appellat tressaq quddiem l-Ewwel Qorti. U ghalkemm sa meta gie biex jigi terminat il-process bis-sentenza appellata, lahqet imbidlet il-ligi li ma jirrendix il-kwerela necessarja meta l-offiza hafifa ssir fuq il-persuna tal-konjugi, din il-Qorti thoss li din l-emenda ma ghandhiex tapplika retroattivament f’ dan il-kaz bi pregudizzju ghall-appellat.

Ancorche’ kienet necessarja il-kwerela, u dato ma non koncesso li ma saritx ghax ma saritx bil-miktub, kif donnu irriteniet li kellu jsir l-Ewwel Qorti b’ interpretazzjoni forsi mhux preciza tal-artikoli 537 , 538 u 538 tal-Kodici Kriminali, trattandosi ta’ reat li anki biz-zieda ta’ grad fil-piena b’ kollox, ma kienx jezorbita il-kompetenza tal-qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali skond l-art. 370 (1)(b) hu ghalhekk applikabbli l-proviso ghall-artikolu 373 li jiddisponi li fejn ir-reat li ghalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bil-kwerela ta’ l-offiz, l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali w ma jkunx irrinuinzja espressament ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Ezekuttiva tista’ tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat. F’ dan il-kaz zgur li Rita Schembri ma irrinunzjatx ghall-azzjoni kriminali izda ghal kuntrarju ppersegwiet il-process bhala *parte civile* sal-ahhar, assista minn Avukat u baqghet taghmel hekk anki fl-istadju ta’ dan l-appell. Ghalhekk fil-kaz ta’ din it-tielet imputazzjoni l-procediment seta’ jitkompla sas-sentenza finali, anki fl-assenza ta’ kwerela in iscritto.

Konsegwentement l-aggravju tal-Avukat Generali dwar din l-imputazzjoni hu gustifikat u qed jigi milqugh.

Illi pero' mhux l-istess ghar-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u cioe' dik tal-hsarat fil-bieb ta' barra tal-hgieg ghad-dannu tal-konjugi Philip u Rita Gatt u fil-car ta' Rita Gatt rispettivament. Mill-istima esebita mill-parti leza jidher li l-hsarat fil-bieb imsemmija fl-ewwel imputazzjoni kienu jammontaw ghall-LM53.60c filwaqt li dawk fil-car gew stmati mill-espert tal-Qorti Joseph Zammit fl-ammont ta' LM488 (fol. 90). Skond l-artikolu 325(1)(b) dawn huma reati punibbli bil-piena ta' prigunerija minn hames xhur sa sena. Skond l-art. 332 tal-Kodici Kriminali, l-azzjoni kriminali ma titmexxiex minghajr il-kwerela tal-parti offiza ghal reat li jsiru kontra hwejjeg tal-qraba bi zwieg fil-linja ta' l-axxendent, kif inhu f' dan il-kaz, stante li l-konjugi Gatt jigu missier u omm mart l-appellat. F' dan il-kaz ma jirrizultax li saret xi denunzja jew kwerela formali kontra l-appellat mill-konjugi Gatt jew xi hadd minnhom bhala proprjetarji tal-bieb w tal-car allegatament danneggjati mill-appellat. Jidher li kienet biss binthom Rita Schembri li iddenunzjat il-kaz lil Pulizija u haditilhom l-istimi tal-hsarat allegati, kif fuq intqal.

F' dawn l-ewwel zewg imputazzjonijiet ma japplikax id-dispozittiv tal-proviso tal-artikolu 373 ghaliex dawn ir-reati kienu jezorbitaw mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-art. 370 (1) (b) fuq imsemmi, ghax il-piena teccedi s-sitt xhur prigunerija.

Illi kif umbaghad gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef (illum Prim' Imhallef) Dr. V. De Gaetano fl-appell kriminali **"Il-Pulizija vs. Manwel sive Lolly Cassar"** [9.10.1998] ghalkemm l-artikolu 390(5) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li, f' certi kazijiet, il-kwerela tkun prezunta li saret, din id-dispozizzjoni tapplika biss meta <u>tkun saret kumpilazzjoni,</u> jigifieri jkun hemm kumpilazzjoni fil-bidu taghha bir-rapport guramentat ta' l-ufficjal tal-pulizija w bit-tmiem taghha bid-decizjoni tal-Qorti Istruttorja li hemm jew m' hemmx ragunijiet bizzejjed biex dak li jkun jitqieghed taht att ta' akkuza. Issa f' dan il-

kaz bhal fil-kaz appena citat, ma jistax jinghid li saret kumpilazzjoni, ghax fil-kors tal-interrogatorju ta’ l-imputat mill-Qorti (sa’ dak l-istadju Qorti Istruttorja), hu kien gie mistoqsi jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja w hu kien wiegeb li m’ghandux , u l-prosekuzzjoni esebiet ukoll il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghall-procedura sommarja (art. 370(4) ) b’ mod li dik il-Qorti, fil-bidunett tal-Istruttorja, giet li kkonvertiet ruha f’ Qorti ta’ Gudikatura Kriminali w l-kawza nstemghet mhux bhala kumpilazzjoni izda bhala wahda sommarja. Ghalhekk in-nuqqas tal-kwerela tal-konjugi Gatt fil-kaz tal-ewwel imputazzjoni u ta’ Jane Gatt fil-kaz tat-tieni imputazzjoni ma jistax jigi kolmat bil-prezunzjoni kreata fl-art. 390(5). Konsegwentement l-appell tal-Avukat Generali in kwantu jolqot l-ewwel u t-tieni imputazzjoni ma hux gustifikat u qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali limtatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellat mill-ewwel, mit-tieni, mir-raba u mill-hames imputazzjonijiet (dawn l-ahhar zewg imputazzjonijiet ma sarx appell dwarhom) u tirrevokaha in kwantu lliberat lill-appellat mit-tielet imputazzjoni ghaliex ma saritx kwerela mill-parti leza li skond l-Ewwel Qorti kienet mehtiega ghall-offiza hafifa ai terminu tal-artikolu 221 tal-Kap.9 u minnflok tiddeciedi li kwerela saret bil-fomm u f’ kull kaz, anki kieku ma saritx, kien applikabbli l-proviso tal-art. 373 li in forza tieghu l-Pulizija Ezekuttiva setghet tmexxi l-azzjoni fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni *ex officio* w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex ikun hemm decizjoni fil-mertu fuq it-tielet imputazzjoni biss.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------